MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Numru 23/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Silvio Buttigieg**

(Att ta' Akkuza 23/2009)

Illum, 8 ta' April 2010

**Il-Qorti:**

**1.** Din hi sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkuzat bin-nota tieghu prezentata fis-16 ta' Lulju 2009.

**2.** Permezz tal-Att ta' l-Akkuza nru 23 tal-2009, l-Avukat Generali akkuza lil Silvio Buttigieg bir-reat ta' assocjazzjoni skond l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 fir-rigward ta' importazzjoni ta' erojina f'Malta (l-ewwel kap);

importazzjoni (inkluza komplicita` fl-importazzjoni fil-forma ravvizata fl-Artikolu 15A tal-Kap. 101) ta' erojina f'Malta (it-tieni kap); u pussess hekk imsejjah "aggravat" (cioe` taht cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur) ta' erojina (it-tielet kap).

**3.** Permezz ta' nota pprezentata, kif inghad, fis-16 ta' Lulju 2009 l-akkuzat eccepixxa "Illi l-Ewwel u t-Tieni Kapi ta' l-Att ta' Akkuza huma nulli stante li l-fatti hemmhekk indikati kif ukoll il-provi migbura fl-Istruttorja ma jwasslux ghad-delitti addebitati kontra l-esponenti f'dawn l-istess imsemmija Kapi." Dawn l-eccezzjonijiet – proprjament eccezzjoni wahda, ghalkemm li tirreferi ghal zewg kapi separati – gew trattati fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2010 mill-avukat tal-akkuzat Dott. Arthur Azzopardi u mill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni.

**4.** Dawn l-eccezzjonijiet huma manifestament infondati. Jibda biex jinghad li hi gurisprudenza pacifika li ghall-finijiet tan-nullita` ravvizata fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap 9 – u l-eccezzjoni jew eccezzjonijiet kjarament jirreferu ghal din id-disposizzjoni tal-ligi – din il-Qorti ma tidholx biex tara l-attijiet tal-istruttorja u l-provi hemm migjuba, izda toqghod biss fuq l-Att ta' l-Akkuza kif redatt. Bizzejjed jinghad – u din il-Qorti mhix ser tghid aktar ghax ikun hela ta' hin u rizorsi – li l-Avukat Generali jista' jigbor u jgib provi ohra ma' dawk li jkunu ngiebu fil-kumpilazzjoni. Dan il-punt gie deciz diversi drabi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**5.** Biex din il-Qorti, ghalhekk, tara jekk il-fatti migjuba fil-parti espozittiva tal-Att ta' l-Akkuza (jew tal-kap li jkun) jikkostitwux <u>fis-sustanza</u> (u mhux fid-dettal) ir-reat li jkun gie addebitat bih l-akkuzat, iridu jinqraw b'mod naturali, u mhux b'xi mod stirakkjat, iz-zewg kapi in kwistjoni. L-ewwel kap, kif inghad, jirreferi ghar-reat ta' assocjazzjoni sabiex wiehed ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta bi ksur tal-ligi. Biex ikun hemm tali assocjazzjoni jrid ikun hemm mhux biss il-ftehim (f'dan il-kaz il-ftehim biex tiddahhal id-droga f'Malta u din tigi hawn spaccata) izda jridu wkoll ikunu gew ikkumbinati jew mifthema l-mezzi, ikunu xi

jkunu, li bihom il-konsocjati jkunu ser jimxu. Dawn jirrizultaw mill-ewwel paragrafu tal-ewwel kap, fejn hemm referenza kemm ghall-ftehim kif ukoll ghall-*modus operandi* u aktar specifikatament ghal dak li kellu jaghmel l-akkuzat biex tigi spaccata f'Malta d-droga. Aktar minn seba' kilogrammi erojina certament ma tistax tiftiehem hlief li hija intiza ghall-ispaccjar. Anke ghal dak li jirrigwarda t-tieni kap ma hemm ebda nuqqas ta' konkordanza bejn il-fatti kif esposti u r-reat addebitat. Huwa minnu li dan it-tieni kap hu redatt b'parsimonija kbira fl-uzu tal-kliem, izda r-referenza fl-ewwel paragrafu ta' dan il-kap ghac-cirkostanzi ta' fatt imsemmija fl-ewwel kap – cioe` ghall-ftehim u ghal dak li qed jigi allegat li materjalment ghamel l-akkuzat fir-rigward tal-erba' pakketti kontenenti s-7023.3 grammi erojina – jikkonkretizzaw fis-sustanza r-reat ta' min jimporta, igieghel li tigi impurtata jew jaghmel xi haga biex tkun tista' tigi impurtata droga bi ksur tal-ligi. Naturalment hija kwistjoni kompletament differenti jekk hemmx konkors materjali ta' reati bejn l-ewwel u t-tieni kap ghall-finijiet tal-paragrafu (h) tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9; u l-akkuzat ma hux jeccepixxi xi konkors formali bejn ir-reati migjuba f'dawn iz-zewg kapi.

**6.** Ghall-motivi premessi tichad l-eccezzjonijiet preliminari kif migjuba fin-nota msemmija tas-16 ta' Lulju 2009, u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------